25 ta' Novembru, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Salvatore Camilleri ne. *versus* Spiridione Mizzi

**Sentenzi ta' Tribunal Esteru — Eżekuzzjoni f'Dawn il-Gżejjer — Ġurisdizzjoni — Kompetenza — Domiċilju — Residenza — Kontumaċja — Notifika — Art. 829 u 830 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Is-sentenzi li jkunu għaddew "in giudicato", pronunzjati minn tribunali kompetenti barra mill-Gżira ta' Malta u d-Dipendenzi Tagħha, huma eżegwibili mill-Qrati kompetenti ta' dawn il-Gżejjer bħas-sentenzi mogħtijin f'dawn il-Gżejjer, b'ċitazzjoni b'talba biex tiġi ordnata l-eżekuzzjoni ta' tali sentenzi. Iżda l-Qorti, qabel ma tiddeċidi fuq it-talba, għandha tara jekk is-sentenza li tagħha tintalab l-eżekuzzjoni tkunx impunjabili għal xi wieħed mill-motivi speċifikati fl-art. 814 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jekk tirrikorrix xi ċirkustanza li tista' tirrendi kompetenti l-Qrati ta' dawn il-Gżejjer skond l-istess Kodiċi, jekk, f'każ ta' sentenza pronunzjata in kontumaċja, il-partijiet kienux legalment kontumaċi, u jekk is-sentenza tikkontjenix dispożizzjonijiet kuntrarji għall-ordni publiku jew għad-dritt publiku intern viġenti f'dawn il-Gżejjer.*

*Jekk fis-sentenza tat-tribunal esteru jinsab xi wieħed minn dawn id-difetti jew vizji, dik is-sentenza ma tkunx eżegwibili f'dawn il-Gżejjer.*

*Ikun hemm lok li tiġi opposta l-inkompetenza tat-tribunal minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti li tkun tat is-sentenza, ankorkè dik il-Qorti tkun iddeċediet fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, fil-każijiet kollha ta' azzjonijiet kontra persuni mhux suġġetti għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti minħabba d-domiċilju jew ir-residenza, kemm il-darba dawk il persuni ma jkunux volontarjament issottomettew ruħhom għal dik il-ġurisdizzjoni.*

*Bil-fatt li l-konvenut quddiem it-tribunal esteru baqa' kontumaċi, huwa ma jiġix li ssottometta ruħu volontarjament għall-ġurisdizzjoni ta' dak it-tribunal; għaliex il-kontestazzjoni kontumaċjali ma hix sottomissjoni għat-tribunal esteru, imma għandha tiġi nterpretata bħala oppożizzjoni għall-kompetenza tat-tribunal esteru.*

*U dan apparti milli, biex l-Awtorità estera jkollha notifika regolari taċ-ċitazzjoni, trid tkun uniformat ruħha mal-liġi viġenti fil-pajjiż fejn dik in-notifika għandha tiġi eżegwita.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur nomine, wara li ppremetta illi b'sentenza mogħtija fl-14 ta' Marzu 1948, li ġiet debitament pronunzjata u publikata fil-21 ta' April 1948 mit-Tribunal ta' Pireo, Greċja, fil-kawża "George Bougios ta' Atene u Dimaratus Tehacis ta' Alessandria vs. Spiridione Mizzi ta' Malta" (dok. A u B), il-konvenut Mizzi ġie kundannat iħallas lill-instanti £430 u 8157 pjastri Eġizzjani, jew l-ekwivalenti tagħhom fi drakmi Griegi skond il-kambju fid-data tal-pagament, flimkien ma' l-imgħax legali mid-data tan-notifikazzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni, u l-ispejjeż tal-kawża li jammontaw għal 800,000 drakmi Griegi; talab li tiġi minn dina l-Qorti ordnata l-eżekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza, biex l-instanti jkun jista' jeżiġi minn għand il-konvenut il-pagament ta' l-imsemmija kapitali bl-imgħaxijiet relativi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-22 ta' Ottubru 1951;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li rrileva illi s-sentenza li tagħha l-atturi qegħdin jitolbu l-eżekuzzjoni mhix eżegwibili hawn Malta. peress li ma għandux id-domiċilju tiegħu fil-Pireo, Greċja, u lanqas ma ssottometta ruħu volontarjament għall-ġurisdizzjoni tat-Tribunal ta' Pireo li ta l-istess sentenza;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi, skond il-liġi ta' dawn il-Gżejjer, is-sentenzi, li jkunu għaddew "in giudicato", pronunzjati minn tribunali kompetenti barra mill-Gżejjer ta' Malta u d-Dipendenzi Tagħha, huma eżegwibili mill-Qorti kompetenti ta' dawn il-Gżejjer bħas-sentenzi mogħtijin fl-istess Gżejjer, b'ċitazzjoni b'talba biex tiġi ordnata l-eżekuzzjoni ta' tali sentenzi (art. 829 Kodiċi tal-Proċedura Ċivili); iżda l-Qorti, qabel ma tiddeċidi fuq it-talba, għandha teżamina jekk is-sentenza li tagħha tintalab l-eżekuzzjoni tkunx impunjabili għal xi wieħed mill-motivi speċifikati fl-art. 814 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; jekk tirrikorrix xi ċirkustanza li tista' tirrendi kompetenti l-Qrati ta' dawn il-Gżejjer skond id-dispożizzjoni ta' l-art. 743 tal-Kodiċi ċitat; jekk, f'każ ta' sentenza pronunzjata in kontumaċja, il-partijiet kienux legalment kontumaċi; u jekk is-sentenza tikkontjenix dispożizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pub-

liku, jew għad-dritt publiku intern viġenti f'dawn il-Gżejjer; l-għaliex jekk jinstab li hemm xi wieħed minn dawn il-vizzji jew difetti, is-sentenza tat-tribunal esteru ma tkunx eżegwibili *mill-Qorti ta' dawn il-Gżejjer* (art. 830 Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

Illi, skond l-aħħar paragrafu ta' l-art. 830 tal-Kodiċi ċitat, għall-finijiet ta' dak l-artikolu jkun hemm lok li tiġi opposta l-inkompetenza tat-tribunal minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti li tkun tat is-sentenza in bażi għad-dispost tal-paragrafu *(d) ta' l-art. 814 tal-Kodiċi ċitat*, **ankorkè** dik il-Qorti tkun iddeċidiet fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, fil-każijiet kollha ta' azzjonijiet kontra persuni mhux suġġetti għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti minħabba d-domiċilju jew ir-residenza, kemm il-darba dawk il-persuni ma jkunux volontarjament issottomettew ruħhom għal dik il-ġurisdizzjoni;

Illi għalhekk, skond il-kelma ċara tal-liġi, hemm id-difett ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti barranija — f'liema każ is-sentenza minn dik il-Qorti pronunzjata ma tkunx eżegwibili f'dawn il-Gżejjer — meta l-persuna li tkun issubiet l-azzjoni quddiem dik il-Qorti ma jkollhiex f'dak il-post id-domiċilju jew ir-residenza tagħha, jekk ma jirriżultax *li dik il-persuna* volontarjament issottomettiet ruħha għall-ġurisdizzjoni ta' dak it-tribunal barrani; u kwindi inutilment l-attur, fin-nota tiegħu, invoka d-dispost ta' l-art. 743 (a) tal-Kodiċi fuq imsemmi, għaliex b'dan kollu jista' jkun hemm id-difett ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti barranija għal dak il-motiv l-ieħor fuq imsemmi;

Din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 1948, mogħtija fil-kawża "Professur Avukat Dottor Victor Caruana ne. vs. Neg. Giorgio Demarco et. ne. et ne.", ċaħdet it-talba biex tiġi ordnata l-eżekuzzjoni f'dawn il-Gżejjer ta' sentenza pronunċjata mill-High Court of Justice ta' Khartoum *appuntu għaliex l-azzjoni kienet kontra persuna li la kellha* domiċilju u lanqas residenza fis-Sudan, u ma setax jingħad li dik il-persuna kienet issottomettiet ruħha għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti fuq indikata. Din il-Qorti għalhekk irriteniet f'dik is-sentenza li "skond il-liġi tagħna l-Qorti ta' Khartoum ma kellhiex ġurisdizzjoni, u s-sentenza tagħha ma tistax tiġi eże-

gwita hawn Malta". Anki fis-sentenza mogħtija fit-8 ta' Novembru 1928, fil-kawża "Dottor Massimiliano Debono nomine vs. Bernardo Zammit", din l-istess Qorti wriet li hekk tirritjeni; iżda f'dak il-każ akkoljiet it-talba għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-tribunal barrani — dak ta' Napoli — peress li kien irriżultalha li l-konvenut kien volontarjament issottometta ruħu għal dak it-tribunal;

**Ikkunsidrat;**

Illi fil-każ preżenti ma hemmx kuntrast li l-konvenut la għandu domiċilju u lanqas residenza fil-Greċja, u ma jirriżultax li ssottometta ruħu volontarjament għall-ġurisdizzjoni tat-Tribunal ta' Pireo fil-kawża fuq imsemmija. Il-konvenut ma deherx f'dik il-kawża. Ġie notifikat bl-att taċ-ċitazzjoni, kif jingħad fl-istess sentenza, permezz ta' l-aġent tal-vapur tiegħu "Seraphine Vayannis", u s-sentenza ġiet pronunċjata in kontumaċja;

L-attur nomine jissottometti li l-konvenut għandu jiġi reputat legalment kontumaċi; però l-konvenut ma qajjem ebda kwistjoni dwar il-legalità tal-kontumaċja. Hu magħruf li l-Awtorità estera, biex ikollha notifika regolari taċ-ċitazzjoni, trid tkun uniformat ruħha għal-liġi viġenti fil-pajjiż fejn dik in-notifika għandha tiġi eżegwita (Vol. XXVIII—III—797). Il-konvenut ta biss l-eċċezzjoni li l-Qorti ta' Pireo, li ppronunċjat is-sentenza li l-attur nomine jrid jirrendi eżegwibili hawn Malta, ma kienetx kompetenti minħabba d-difett talġurisdizzjoni, billi huwa (il-konvenut) ma għandux f'dak il-pajjiż la d-domiċilju u lanqas ir-residenza;

L-attur jippretendi illi l-kontestazzjoni kontumaċjali hija sottomissjoni għat-tribunal esteru. Dik il-pretensjoni, iżda, ma tistax tiġi milqugħa; il-għaliex, kif hija ħaġa wisq evidenti, il-kontumaċja ma tista' qatt timplika sottomissjoni volontarja; għaliex, kif jesprimi ruħu Mortara, il-konvenut kontumaċi għandu l-fiżonomija ta' assenti volontarju; u, ġuridikament, l-għaliex is-sitwazzjoni ġuridika tal-kontumaċja fid-Dritt Modern, kuntrarjament għal kif kienu improntati l-leġislazzjonijiet u l-ġurisprudenza antiki, meta dejjem il-kontumaċi kellu tort — "les absents ont toujours tort" — hija dik li huwa in sostanza jabbandona d-difiża tiegħu lill-ġudikant u lil-liġi; in rispett għall-istruzzjoni jinsab fl-identika sitwaz-

zjoni tal-konvenut li jidher; is-silenzju tiegħu huwa interpretat, skond is-sistema li aħna nsegwu, bħala kontradizzjoni; u kwindi l-kontumaċja tal-konvenut fil-każ preżenti għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni għall-kompetenza tat-Tribunal ta' Pireo;

Mis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell mogħtija fil-kawża "Dr. Mass. Debono vs. Bernardo Zammit" (Koll. XXVII—I—868), li biha ġiet awtorizzata l-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-tribunal esteru fuq il-motiv li l-konvenut kien issottometta ruħu volontarjament għal dak it-tribunal, jista' wieħed jirrikava li dik il-Qorti ta' l-Appell Tagħna hekk ukoll irriteniet, jiġifieri li l-kontumaċja ma għandhiex tiġi interpretata sottomissjoni volontarja. U difatti jingħad f'dik is-sentenza:— "Invero il convenuto, tradotto innanzi al Tribunale di Napoli con citazione del 21 aprile 1921, ad istanza della ditta attrice 'Tommaso Albanese e Figli di Torre del Greco', non si tenne contumace come avrebbe potuto fare, ma, sebbene comparendo nella comparsa conclusionale avesse preliminarmente eccepito la incompetenza territoriale del magistrato adito, procedette a dare, in linea subordinata, le eccezioni nel merito...........";

Għaldaqstant, skond il-liġi tagħna, il-Qorti ta' Pireo ma kellhiex ġurisdizzjoni, u s-sentenza tagħha ma tistax tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut u tirrespinġi t-talba ta' l-attur nomine; bl-ispejjeż kontra tiegħu.

---